**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Marzu 2018**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 915/17 JZM**

**Brian Schembri detenur tal-karta ta` residenza Franciza Numru F310001676**

***kontra***

**National Orchestra Limited (C 21996)**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-5 ta` Ottubru 2017 li jaqra :–

*1. Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta permezz ta` mpjieg datat 12 ta` Dicembru 2013, (hawn anness bhala Dok. A) li kien ghal perjodu ta` tliet snin u li wara kien jiggedded awtomatikament. Fil-fatt dan gie imgedded wara il-31 ta` Dicembru 2016.*

*2. Illi l-kuntratt fi klawzola 7(b) kien jistipula hekk: "Should this agreement be terminated by the Orchestra, the Orchestra will pay the Maestro a full 3 year payment".*

*3. Illi kif jirrizulta mill-email communication datata 21 t`Awwissu 2017, (kopja hawn annessa bhala Dok. B), il-kuntratt tal-attur gie terminat mis-scojeta` konvenuta, talli l-attur m`accettax l-emendi ghall-kuntratt li gew lilu proposti, liema emendi kienu jmorru direttament kontra l-kontenut tal-Kap. 452, stante li kienu jitolbu li l-attur jirrinunzja ghall-kuntratt ta` mpjieg indefinit li kellu, u jaccetta minflok kuntratt defenit ta` erba`, b`termini differenti.*

*4. Illi s-socjeta` konvenuta ghazlet li tuzufriwixxi mill-klawzola 7(b) tal-kuntratt t`impjieg u b`hekk gie ipso jure dovut lill-attur l-ekwivalenti ta` tliet snin paga.*

*5. Illi kif jirrizulta mill-workings hawn annessi bhala Dok. C, l-ammont ta` tliet snin paga jammonta ghal €168,431.96.*

*6. Illi b`hekk is-socjeta` konvenuta ntimata ghandha thallas lill-attur rikorrenti s-somma ta` €168,431.96 liema somma tirraprezenta tliet snin paga dovuta f`kaz ta` terminazzjoni tal-impjieg tal-attur mis-socjeta` konvenuta, ai termini ta` klawzola 7(b) tal-kuntratt tal-impjieg.*

*7. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellata, anke ufficjalment, is-socjeta` konvenuta ntimata baqghet inadempjenti, u sahansitra injorat ghall-kollox l-ittri lilha mibghuta.*

*8. Illi fil-fehma tal-attur rikorrenti is-socjeta` konvenuta ntimata m`ghandiex eccezzjoni valida x`taghti kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex it-talbiet tal-attur jigu decizi 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);*

*Ghaldaqstant l-attur rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti :*

*(1) Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u*

*(2) Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta intimata thallas lill-attur s-somma minnha dovuta ta` €168,431.96 liema somma tirraprezenta tliet somma tirraprezenta tliet snin paga dovuta f`kaz ta` terminazzjoni tal-impjieg tal-attur mis-socjeta` konvenuta.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru li qed jigi ntavolat kontestwalment u bl-imghaxxijiet legali mill-21 t`Awwissu 2017 kontra s-socjeta` konvenuta intimata li hi minn issa ngurata ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, il-lista tax-xhieda tieghu, u l-elenku ta` dokumenti.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta` Novembru 2017, il-konvenuta kienet ammessa sabiex tikkontesta t-talba attrici.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fis-<u>27 ta` Novembru 2017</u> li taqra hekk :–

*1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti :*

*i. Illi kuntrarjament ghal dak espost mill-attur, ma huwiex minnu li s-socjetà konvenuta temmet il-kuntratt tieghu peress illi huwa ma accettax l-emendi proposti lilu fil-kuntratt ta` impjieg;*

*ii. Illi fl-ewwel lok, l-attur naqas milli jaderixxi ma` numru ta` obbligi u dispozizzjonijiet kuntrattwali tieghu kif ser jigi ampjament ippruvat waqt il-kawza;*

*iii. Illi oltre dan u fit-tieni lok, l-attur abbanduna l-impjieg tieghu meta naqas li jkun prezenti biex jidderiegi kuncert kif kien mitlub jaghmel fl-24 ta` Gunju 2017;*

*iv. Illi in vista ta` dan l-abbandun, is-socjetà konvenuta kellha taghmel arrangamenti ta` emergenza sabiex jingieb Maestro sostitut ghall-attur, u dan bi spiza konsiderevoli inaspettata li giet sostnuta mill-istess socjetà konvenuta;*

*v. Illi sussegwentement, is-socjetà konvenuta rrizolviet li tittermina l-impjieg ta` l-attur f`laqgha tal-Bord tad-Diretturi proprju fit-30 ta` Gunju 2017, sitt ijiem biss wara li r-rikorrent abbanduna l-impjieg tieghu;*

*vi. Illi l-attur filwaqt li gie mgharraf bil-motivi li jiggustifikaw it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu, fl-ebda istanza ma kkontesta l-motivi wara din it-terminazzjoni;*

*2. Illi ghalhekk, is-socjeta konvenuta kellha ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi sabiex tittermina l-impjieg ta` l-attur u konsegwentement ma hemm l-ebda ammont dovut minnha lilu.*

*3. Illi konsegwentement it-talbiet ta` l-attur ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra tieghu.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat illi l-konvenuta pprezentat kontrotalba li taqra hekk :-

*1. Illi s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonata National Orchestra Ltd tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt li tipprezenta kontro-talba fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat ai termini tal-Artikoli 396 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonata kellha fis-sehh kuntratt ta` mpjieg mal-attur sabiex huwa jservi lill-Orchestra Nazzjonali u jwettaq obbligi kuntrattwali bi professjonalita`, lealta` u diligenza bhala impjegat taghha ;*

*3. Illi l-attur rikonvenzjonat naqas milli jwettaq uhud mill-obbligi kuntrattwali u dan minkejja li regolarment kien jigi mwissi mis-socjeta` rikonvenzjata anki permezz ta` korrispondenza sabiex jaderixxi ma` dawn l-istess obbligi ;*

*4. Illi l-attur rikonvenzjonat baqa` inadempjenti u f`diversi okkazzjonijiet ma` segwiex dawn l-obbligi u decizjonijiet mehuda mill-istess socjeta` ;*

*5. Illi l-istess attur rikonvenzjonat sahansitra abbanduna l-impjieg tiehu fil-jiem precedenti ghall-kuncert tal-24 ta` Gunju 2017, li wasslet ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ;*

*6. Illi ghalhekk, mehud kollox f`daqqa, s-socjeta` konvenuta rikonvenzjananta kellha ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi sabiex tittermina l-impjieg tieghu u dan kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt il-proceduri odjerni ;*

*7. Illi din it-terminazzjoni sehhet ghal ragunijiet attribwibbli ghall-attur rikonvenzjonat u tali terminazzjoni kkawzat danni attwali u emergenti lill-istess socjeta` konvenuta rikonvenzjonanta u dan kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt il-proceduri odjerni ;*

*Jghid ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli ghall-akkadut li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta rikonvenzjonata ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li r-rikorrent rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha subiti mis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonata, inkluzi dawk naxxenti mill-kuntratt tieghu, u dan minhabba l-agir tal-istess attur rikonvenzjonat ;*

*3. Tillikwida d-danni hekk sofferiti mis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonant okkorendo n-nomina ta` perit u esperti nominandi jekk ikun il-kaz ;*

*4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanta dawk id-danni li jigu hekk likwidati ai termini tat-talbiet tal-istess socjeta` konvenuta rikonvenzjonanta hawn premessi.*

*Bl-ispejjez ta` kull procedura kontra l-istess attur rikonvenzjonat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat.

Kienet prezentata fl-14 ta` Dicembru 2017 u taqra hekk :–

***Preliminarjament :***

*Illi l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta tallega li l-attur abbanduna x-xoghol tieghu u li s-socjeta` konvenuta kellha raguni tajba u sufficjenti sabiex tittermina l-impjieg tal-attur, bil-konsegwenza li sofriet dannu bhala rizultat ta` dan. Naturalment l-attur jirrespingi tali allegazzjonijiet fil-konfront tieghu. Allura biex il-qorti tasal ghall-konkluzjoni dwar jekk ir-rikonvenzjoni hijiex legalment fondata jew le, trid bilfors tinvesti l-fatt dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg kienitx wahda gusta jew le. Madanakollu din il-materja hija kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, u kwindi qed jigi eccepit li din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni li tisma` l-kontro-talba ratione materie ai termini tal-artikolu 75(1) tal-Kap. 452.*

***Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit***

*Illi l-attur jirrespingi bhala infundati fil-fatt u fid-dritt it-talbiet tikonvenzjonali.*

*Illi l-attur jirrespingi l-allegazzjoni li huwa naqas milli jwettaq uhud mill-obbligi kuntrattwali, fil-fatt kienu l-konvenuti li naqsu li jwettqu l-istess. Fil-fatt l-attur onora skruplozament il-kuntratt ta` mpjieg li kellu.*

*Illi l-attur jirrespingi wkoll l-allegazzjoni li huwa abbanduna l-impjieg tieghu fil-jiem precedenti ghall-kuncert tal-24 ta` Gunju 2017, kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza.*

*Illi b`hekk is-socjeta` konvenuta ma tistax tghid li kellha ragunijiet validi u sufficjenti fil-ligi li tittermina l-impjieg tal-attur u bazi tal-fatti allegati fir-rikonvenzjoni, u b`hekk l-attur qatt ma seta` jinzamm responsabbli ta` ebda danni, u dan ukoll ghaliex l-attur onora l-obbligi kuntrattwali tieghu*

*kollha, u kif ser jigi ppruvat fil-kawza l-kuntratt gie tterminat ghax is-socjeta` konvenuta riedet li unilaterlament tbiddel il-kondizzjonijiet tal-impjieg tal-attur.*

*Illi jrid jinghad li ai termini tal-kuntratt vigenti bejn il-partijiet is-socjeta` konvenuta setghet fi kwalunkwe stadju tittermina l-impjieg tal-attur basta thallsu "a full 3 year payment" – haga li l-attur qed ifittex ghalija fil-kawza propja.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-mod kif inhi redatta l-klawzola 7(b) tal-kuntratt bejn il-partijiet, f`kaz li s-socjeta` konvenuta tittermina l-impjieg tal-attur, huwa dejjem dovut il-pagament ta` tliet snin paga, u kwindi huwa wkoll irrelevanti li wiehed jiddibatti jekk is-socjeta` konvneuta kienitx gustifikata jew le li tittermina l-impjieg.*

*Illi b`hekk it-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ghall-fini tal-kontrotalba.

Rat id-direzzjoni li tat lill-partijiet sabiex jittrattaw l-eccezzjoni preliminari tal-attur ghall-kontrotalba qabel jitqies il-mertu.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li saru fl-udjenza tad-29 ta` Jannar 2018.

**Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjoni preliminari tal-attur ghar-rikonvenzjoni.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. L-eccezzjoni de qua

**In succint**, l-attur qieghed jeccepixxi illi ladarba fir-rikonvenzjoni, il-konvenuta qeghda titlob mill-qorti dikjarazzjoni ta` responsabilita` tieghu ghal danni (u talbiet ohra relatati) fuq il-premessa li l-kuntratt tal-impieg tieghu kien mitmum ghal raguni tajba u sufficjenti ghax abbanduna l-impieg tieghu, allura sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet rikonvenzjonali trid bilfors

tistharreg jekk kienx hemm raguni tajba u sufficjenti ghat-tmiem tal-impieg, kompitu dan li huwa kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Ghalhekk din il-Qorti m`ghandhiex il-kompetenza skont il-ligi li tiddeciedi dwar it-talbiet rikonvenzjonali.

## III. Sottomissjonijiet

Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-eccezzjoni permezz ta` sottomissjonijiet bil-fomm.

### 1) L-attur

L-attur jissottometti li l-kawza tittratta dwar hlas ta` penali naxxenti minn kuntratt bejn il-partijiet. Il-konvenuta ddefendiet il-posizzjoni taghha billi qalet li ma kellhiex thallas ghaliex il-kuntratt kien mitmum ghal raguni tajba u sufficjenti. Sa hemm l-istanza kienet tkun ghal kollox fil-kompetenza tal-Qorti. Izda meta sabiex issostni r-rikonvenzjoni, il-konvenuta mxiet fuq il-premessa tat-terminazzjoni tal-impieg ghal raguni tajba u sufficjenti, allura l-qorti ma baqghetx kompetenti li tiddeciedi r-rikonvenzjoni peress illi decizjoni dwar jekk l-impieg kienx terminat ghal raguni tajba u sufficjenti huwa kompetenza esklussiva tat-tribunal industrijali.

L-attur ikompli jissottometti li sabiex tiddeciedi l-kontrotalba l-Qorti ser ikollha tidhol fil-mertu tar-raguni ghat-tmiem tal-impieg. Kif dedotti t-talbiet rikonvenzjonali jitlobu stharrig ta` jekk it-terminazzjoni ta` l-impjieg kienx gustifikat inkella le, materja din li hija kompetenza esklussiva tat-tribunal industrijali.

L-attur jaghmel l-argument illi l-kontrotalba ma tistax tigi proposta quddiem qorti b` kompetenza differenti minn dik tat-talba principali, meta fil-kontrotalba, dik il-Qorti ma jkollhiex kompetenza. In sostenn ghamel referenza ghad-decizjoni ta` din il-qorti diversament presjeduta tat-12 ta` Dicembru 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Shana Sloane Borg vs Kenneth Azzopardi.**

### 2) Il-konvenuta

Tissottometti illi fil-kawza principali trid tkun trattata l-kwistjoni tar-raguni ghat-tmiem tal-kuntratt bejn il-partijiet. L-istess irid isir fil-kontrotalba.

Kompliet tissottometti illi danni li qeghdin jintalbu fil-kontrotalba mhumiex naxxenti mill-kuntratt tal-impjieg per se izda huma danni konsegwenzjali ghad-decizjoni tal-attur li jabbanduna l-obbligi tieghu lejha. Id-danni mitluba jemergu in parti *ex delicto* u in parti *ex contractu*..

Kompliet tinsisti li l-pern tal-kontrotalba hija l-kwistjoni ta` jekk l-attur abbandunax ir-responsabiltajiet tieghu.

## IV. <u>L-Art 75(1) tal-Kap 452</u>

L-attur qieghed issejjes l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti sabiex tiddeciedi l-kontrotalba abbazi tal-Art 75(1) tal-Kap 452 li jaqra hekk :-

> *(1) Minkejja kull ma jinsab f`kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi –*
>
> *(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ; u*
>
> *(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` regolamenti preskritti tahtu, ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju meta haddiem hekk imkecci jew li mod iehor jallega il-ksur tad-dritt tieghu skont it-Titoli I ta` dan l-Att ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort`ohra.*

**Ghalkemm l-attur ma kienx specifiku, huwa evidenti li qieghed iressaq l-eccezzjoni tieghu abbazi tas-subparagrafu (b) tas-subartikolu (1) ladarba l-kaz tal-lum ma jinkwadrax fis-subparagrafu (a).**

## V. **Gurisprudenza**

Decizjoni rilevanti ghall-fini tal-pronunzjament tal-lum kienet dik moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta fit-30 ta` Settembru 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Karmenu Vella kontra General Workers` Union.**

Inghad hekk :-

> *"Taht l-Att XXX tal-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap.266 tal-Ligijiet ta` Malta), il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kienet regolata bl-Art.28(1) li kien jaqra hekk –*
>
> *Minkejja kull ma jinsab f`kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi …*
>
> *Meta sar l-Att XXIII tal-2000 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta) li ha post il-Kap.266, id-disposizzjoni li tistabilixxi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali saret l-Art.75. Minn ezami ta` dan l-artikolu, huwa evidenti li minn naha wahda baqghet il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali fi kwistjonijiet kollha ta` tkeccija allegatament ngusta mil-impjieg, u prattikament inzammet l-istess dicitura [ara s-subparagrafu (a) tas-subinciz (1) tal-Art.75] fl-istess waqt il-gurisdizzjoni esklusiva twessghet aktar sabiex tkopri dak kontemplat bis-subparagrafu (b) tas-subinciz (1) tal-istess artikolu.*
>
> *Is-subparagrafu (b) jaqra hekk …*
>
> *Issa fl-eccezzjoni preliminari taghha, il-konvenuta tghid li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi din il-kawza in kwantu l-pretensjonijiet tal-attur kif dedotti jaqghu taht it-Titolu I tal-Kap.452 fejn allura t-Tribunal Industrijali huwa vestit b`gurisdizzjoni esklusiva skond l-Art.75(1)(b).*
>
> *Din il-Qorti tghid li s-subparagrafu (b) tas-subinciz (1) ta` l-Art.75 jirreferi ghal dawk il-kazijiet kollha*

*li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` l-Att. Issa t-Titolu I tal-Kap.452 imsejjah "Relazzjonijiet dwar l-Impiegi" jikkomprendi tmienja u erbghin (48) artikoli mifruxa fuq seba` (7) taqsimiet :*

*Taqsima I : Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi*
*Taqsima II : Kondizzjonijiet maghrufa ta` Impieg*
*Taqsima III : Protezzjoni tal-Pagi*
*Taqsima IV : Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata ma` l-Impieg*
*Taqsima V : Temm ta` Kuntratti ta` Servizz*
*Taqsima VI : Infurzar u Ksur rigward Impiegi*
*Taqsima VII : Amministrazzjoni li ghandha x`taqsam ma` Impiegi*

*Kif diga` kellha okkazjoni din il-Qorti kif presjeduta tesprimi ruhha fis-sentenza in parte li tat fil-31 ta` Mejju 2010 fil-kawza "**Grima vs M H Malta Limited**", mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn esami tas-seba` taqsimiet tat-Titolu I. Propju ghaliex fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali dan ghamiltu car u tond. Per ezempju, fil-kaz tat-Taqsima I li tirrigwarda l-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess. Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta b`deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet ta` l-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b` mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*

…

*Billi l-eccezzjoni tal-konvenuta kif dedotta ma kenitx specifika ghal liema kazijiet tat-Titolu I li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kienet qed tirreferi, din il-Qorti dderigiet lill-konvenuta sabiex tghid fuq liema disposizzjonijiet tat-Titolu I tal-Kap.452 kienet qeghda tistrieh sabiex issostni l-eccezzjoni taghha. Fin-nota taghha tat-23 ta` Novembru 2009 (fol 37) il-konvenuta ghamlet riferenza ghal Taqsima II li tipprovdi dwar u tirregola kundizzjonijiet maghrufa ta` l-impjieg li, skond il-konvenuta, huma l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet, u ghal Taqsima III senjatament Art.22(2) in kwantu jirrigwarda t-talba specifika ghal hlas ta` leave allegatament mhux mehud.*

*Ikkunsidrat –*

*In kwantu ghal Taqsima II invokata mill-konvenuta, din tinvolvi dawn id-disposizzjonijiet :*

*Art. 4 : Ordnijiet ta` standard nazzjonali u ordnijiet biex jigi regolat settur*
*Art. 5 : Kondizzjonijiet maghrufin ta` l-impieg*
*Art. 6 : Hinijiet tax-xoghol u sahra*
*Art. 7 : Ghandu jinghata avviz dwar kondizzjonijiet maghrufin ta` impieg*
*Art. 8 : Zidiet dwar l-gholi tal-hajja*
*Art. 9 : Sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol. Kap.424*
*Art.10 : Leave ghal maternita`, leave ta` genitor u leave ghal ragunijiet familjari urgenti*

*Huwa evidenti mill-kawzali tal-azzjoni tal-lum li l-attur qed iqis il-kontenut tal-Memorandum of Understanding (esebit minnu bhala DOK B, kif ukoll mill-konvenuta bhala DOK GWU1) bhala kuntratt li johloq rabta bejnu u l-konvenuta, u abbazi ta` dak il-vinkolu, huwa qieghed jirreklama l-hlas tas-somma ta` hamest elef mija u erba` Ewro u erbatax-il centezmu (€5,104.14) rapprezentanti l-hlas ta` tliet xhur paga li r-rikorrent ighid li hija dovuta mill-konvenuta skond il-klawsola K.2. tal-Memorandum of Understanding. Bla pregudizzju*

*ghall-eccezzjonijiet preliminari li ressqet, fosthom dik li qed tkun deciza llum, il-konvenuta qeghda wkoll tikkontesta t-talba attrici fil-mertu skond dak li jirrizulta mill-istess Memorandum of Understanding : in partikolari, tirreferi ghall-klawsola G.6. L-attur qed jippretendi wkoll il-hlas tas-somma ta` sittax-il elf hames mija tmienja u disghin Ewro (€16,598) ekwivalenti ta` mija u disghin (193) gurnata vacation leave li jghid li hu intitolat ghalihom, u li taghhom ma thallasx bejn is-sena 1997 u s-sena 2005.*

*Ghalhekk it-talba shiha tal-attur twassal ghas-somma shiha ta` wiehed u ghoxrin elf seba` mija u zewg Ewro u erbatax-il centezmu (€21,702.14).*

*Abbazi ta` dak li rrizulta mis-sottomissjonijiet taghha, huwa evidenti li in kwantu ghal Taqsima II il-konvenuta qeghda tghid li fil-kaz tal-lum il-gurisdizzjoni esklusiva tispetta lit-Tribunal Industrijali abbazi tal-Art.5 ("kondizzjonijiet maghrufa ta` l-impieg").*

*Wara li gharblet u qieset bir-reqqa l-Art.5, din il-Qorti tghid li meta l-principal u l-impjegat jikkontrattaw kuntratt ta` servizz jew kuntratt ta` impieg, u din il-Qorti tghid li l-Memorandum of Understanding fuq riferit huwa kuntratt ta` servizz jew kuntratt ta` impieg ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (ara t-tifsira li jaghti l-Art.2 ta` l-Kap.452) kwistjonijiet li jinqalghu dwar il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` dak il-kuntratt, fosthom il-klawsola K.2 citata mill-attur u l-klawsola G.6 citata mill-konvenuta, ghandhom jigu determinati mill-qrati ordinarji mhux mit-Tribunal Industrijali. Propju ghaliex dawk mhumiex kwistjonijiet li l-ligi tassattivament stabbiliet li jaqghu fil-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Fejn l-Art.5(1) ried jaghti tifsira specifika ta` kondizzjonijiet maghrufin ta` impieg semma ordni ta` standard nazzjonali jew ordni li jirregola settur jew ftehim kollettiv inkella ftehim volontarju (fit-test Ingliz voluntary settlement) jew decizjoni (fit-test Ingliz award). Fl-istess waqt, id-disposizzjoni ma taghmel l-ebda riferenza ghal kuntratt ta`*

*servizz jew kuntratt ta` impieg. Ghal din il-Qorti, dan ifisser li l-ligi riedet teskludi mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kwistjonijiet li jaghmlu parti mill-pattijiet u kondizzjonijiet ta` kuntratt ta` servizz bejn principal u impjegat. Il-fehma ta` din il-Qorti tkompli ssib sostenn fis-subinciz (4) tal-Art.5. Ghalhekk il-vertenza specifika li hija mertu ta` din il-kawza hija ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-qrati ordinarji. Fir-rigward ta` l-istess Taqsima II, din il-Qorti tghid b`mod generali li anke ghall-kwistjoni tal-gurisdizzjoni, id-disposizzjonijiet taghha ma ghandhomx jigu interpretati b`mod li l-partijiet jigu mcahhda mid-drittijiet akkwiziti taghhom anke fil-kuntest tas-subinciz (4) tal-Art.5 li jaqra hekk : Xejn f`dan l-artikolu ma ghandu jkun ta` pregudizzju ghal xi drittijiet li l-partijiet jistghu jkollhom minn xi kuntratt ta` servizz jew xi ftehim kollettiv skond id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta` dan l-Att jew ta` xi ligi ohra, inkluz il-Kodici Civili.*
*Ikkunsidrat –*

*In kwantu ghal Taqsima III (Protezzjoni tal-Pagi) citata mill-konvenuta, din il-Qorti terga` taghmel riferenza ghall-Art.75(1)(b) –*

*it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni li jikkunsidra u jiddeciedi ... il-kazijiet kollha li jaqghu taht ilgurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` regolamenti preskritti tahtu ...*

*Fit-test Ingliz –*

*the Industrial Tribunal shall have exclusive jurisdiction to consider and decide ... all cases falling within the jurisdiction of the Industrial Tribunal by virtue of Title I of this Act or any regulations prescribed thereunder ...*

*Kif diga` rrilevat qabel, din il-Qorti tghid li din id-disposizzjoni inkitbet b`dak il-mod, mhux b`kumbinazzjoni, izda ghal ghan specifiku u cioe` sabiex taghti gurisdizzjoni esklusiva lit-Tribunal Industrijali f`dawk il-kazi li jaghmlu parti mit-Titolu I jew ir-regolamenti preskritti tahtu u li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal*

*Industrijali. Kif diga` rajna, fejn fit-Titolu I, il-ligi riedet li jidhol it-Tribunal Industrijali, hekk qalet specifikament. Li kieku l-legislatur ried tassew li l-kazijiet kollha li jirrigwardaw kull wiehed mit-tmienja u erbghin (48) artikoli li jaghmlu t-Titolu I jigi kunsidrat u deciz b`mod eskluziv mit-Tribunal Industrijali, kien jirreferi mill-ewwel u biss ghad-disposizzjonijiet tatTitolu I (inkluz ir-regolamenti) u mhux jispecifika il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I jew ta` regolamenti preskritti.*

*In kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenuta fejn din tittratta dwar it-Taqsima III, din il-Qorti ssostni li l-ligi mhix tispecifika li d-disposizzjonijiet tat-Taqsima III jaqghu that il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Ghalhekk ghalkemm parti mit-talba tal-attur tirrigwarda hlas ta` leave u allura fil-mertu tista` tinvolvi l-applikazzjoni tal-Art.22(2) citat specifikament mill-konvenuta, dak ma jfissirx li t-talba ghall-hlas tal-leave ghandha tigi trattata u deciza biss mit-Tribunal Industrijali. Anzi din il-Qorti tghid li fil-kuntest tal-azzjoni attrici kif dedotta u cioe` talba ghall-hlas ta` leave wara rizenja (mhux tkeccija) tal-attur mill-impieg, il-gurisdizzjoni sabiex tisma` u tiddeciedi dwar din it-talba hija tal-qrati ordinarji mhux tat-Tribunal Industrijali."*

**Minn din is-sentenza, sar appell li kien deciz fil-11 ta` Novembru 2011.**

Il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*"L-ghaqda konvenuta appellat minn din is-sentenza, u qed tissottometti illi la darba l-pretensjonijiet attrici jinvolvu l-kundizzjonijiet tal-impieg trattati fit-Titolu I tal-Att, skont l-imsemmi Artikolu 75(1)(b), il-materja tista` biss tigi mistharga mit-Tribunal Industrijali.*

*L-Artikolu 75(1) tal-imsemmi Kap. 452 jiddisponi testwalment …*

*Minn qari ta` dan l-artikolu hu car li, kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-ghaqda konvenuta, il-ligi ma taghtix gurisdizzjoni esklussiva lit-Tribunal Industrijali biex din tiddeciedi fuq kull materja inkorporata fit-Titolu I tal-Att. Il-ligi taghti din il-gurisdizzjoni esklussiva fil-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I. Fi kliem iehor, fejn it-Titolu I jikonferixxi gurisdizzjoni lit-Tribunal, dik il-gurisdizzjoni hi esklussiva.*

*Kieku l-hsieb kien mod iehor, il-ligi kienet sempliciment tghid li kull kwistjoni dwar xi haga imsemmija fit-Titoli I tal-Att, tista` tigi mistharrga biss mit-Tribunal Industrijali. Il-ligi, pero`, ma tghidx dan. Tghid, minflok, li l-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hi radikata biss fil-kazijiet fejn hu allegat li saret tkeccija ingusta (Artikolu 75(1)(a)) u fil-kazijiet fejn it-Titolu I jaghti gurisdizzjoni lit-Tribunal.*

*Kieku kellu jkun mod iehor, anke dan is-subartikolu (1)(a) kien ikun superfluwu. Din id-dicitura hi ripetuta fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 75 li jiddisponi li :*

*"(2) Meta jigi allegat li haddiem ikun tkecca b`mod ingust minn principal, jew fejn jigi allegat li kien hemm ksur ta` xi dmir li jorigina minn xi haga li taqa` taht il-gurisdizzjoni tatTribunal Industrijali taht it-Titolu I ta` dan l-Att jew ta` xi regolament preskritt tahtu, il-kaz ghandu jjintbaghat lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu fuq talba bil-miktub ghal hekk maghmula mill-haddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna ohra f`isem u ghal dak il-haddiem."*

*Kwindi, kienet korretta l-ewwel Qorti meta qalet li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza **Caruana v. Inguanez**, minnha deciza fit-8 ta` Jannar, 2010 li kienet titratta l-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji f`kaz ta` condominium, fid-dawl tal-*

*eccezzjoni li l-materja kellha tittiehed quddiem arbitru. L-artikolu rilevanti tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387 tal-Ligijiet ta` Malta) jghid li :*

*"Kull tilwima li tirrigwarda condominium u li skont l-att dwar il-condominium (kap. 398) ghandha tigi sottomessa ghallarbitragg", taqa` biex tkun ikkonsidrata minn arbitragg skont il-ligi. Din il-Qorti osservat hekk dwar it-tifsira ta` dan il-provvediment :*

*"L-att dwar il-Condominia jirregola, veru, kull blokk ta` bini li jaqa` fid-definizzjoni ta` condominium skont l-istess att, pero` ma jassoggettax kull kwistjoni li tolqot il-condominium ghall-arbitragg. L-att innifsu ghandu diversi artikoli li jipprovdu li, f`kaz ta` tilwima fuq il-materja diskussa f`dak l-artikolu, il-kwistjoni trid titressaq quddiem arbitru. Hekk insibu din ir-riferenza fl-Artikolu 8(7), 11(5), 14(8), 15(3)(4), 19(3), 20, 23(1), 24(7) u 25; izda din ir-riferenza ghall-arbitragg ma saritx b`mod generali u ma hemmx inkluza tilwima dwar qsim tal-arja tal-blokk, kif inhu l-meritu ta` din il-kawza. Issa, l-provvediment tal-Att dwar l-Arbitragg, li jimponi arbitragg mandatorju, jghid li dan hu hekk biss fejn l-Att dwar il-Condominia hekk jordna."*

*L-istess ragunament ghandu japplika f`dan il-kaz, ghax anke hawn il-ligi ma assoggettatx kull kwistjoni li tolqot il-kondizzjonijiet tal-Impieg ghall-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali; huma biss dawk il-kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal bis-sahha tat-Titolu I li jaqghu li jkunu mistharrga esklussivament mit-Tribunal Industrijali.*

*Hekk insibu li l-Artikoli 30(1) tal-Att jipprovdi li:*

*"30. (1) Persuna li tallega li l-principal ikun kiser, jew li l-kondizzjonijiet tal-impieg ikunu jiksru, d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tista`, fi zmien erba` xhur mil-ksur allegat, tipprezenta ilment quddiem it-Tribunal Industrijali u t-Tribunal Industrijali ghandu jisma` dak l-ilment u jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa."*

*Dan ifisser li l-materji li jaqghu taht il-provvedimenti tal-Artikoli 26, 27, 28 jew 29 tal-Att, bis-sahha tal-Artikolu 75(1), jaqghu li jkunu kkunsidrati esklussivament mit-Tribunal Industrijali, izda mhux hekk jista` jinghad ghall-materji ohra fejn il-ligi ma tipprovdix similment. Dan l-Artikolu 30 jaghti affidament lill-konkluzjoni milhuqa mil-ewwel Qorti, li maghha din il-Qorti taqbel, ghax li kieku kull materja milquta mit-Titolu I taqa` li tkun ikkunsidrata b`mod esklussiv mit-Tribunal, ma jkunx hemm bzonn li din il-gurisdizzjoni tigi ripetuta ghall-fini tal-artikoli msemmija fl-Artikolu 30.*

*Issa, t-talbiet tal-attur f`din il-kawza ma humiex marbuta ma` xi artikolu tal-ligi li taqa` taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali skont it-Titolu I. It-talbiet jirreferu ghall-hlas ta` paga skont il-kuntratt ta` impieg tal-attur, u hlas ghall-vacation leave. Il-materji jidhlu li jkunu kkonsidrati fil-kuntest ta` Titolu I (Relazzjonijiet dwar l-Impiegi), pero`, minn imkien f`dan it-Titolu ma tissoggetta din il-kwistjoni biex tigi kkonsidrata b`mod esklussiv mitTribunal.*

*Dan it-Tribunal huwa bord b`gurisdizzjoni specjali u ma ghandux jinghata setgha li ma giex espressament konferit lilu bis-sahha tal-ligi. It-Titolu I majaghtix "sahha" lit-Tribunal Industrijali ghall-materji kollha regolati b`dak l-istess Titolu, u fejn allura ma hemmx din l-attribuzzjoni, il-gurisdizzjoni ta` dawn il-qrati mhix eskluza.*

*Hemm punt iehor li jwassal ghall-konferma tas-sentenza tal-ewwel Qorti. L-ghaqda konvenuta tghid li gialadarba "parti" mit-talbiet tal-attur jinkwadraw ruhhom fuq kundizzjonijiet tal-impieg, allura l-gurisdizzjoni tispetta biss lit-Tribunal Industrijali. Din il-Qorti tara li jekk parti biss mit-talbiet tal-attur johorgu mill-kundizzjonijiet tal-impieg, allura s-sitwazzjoni hi bil-kontra ta` dak sottomess mil-ghaqda konvenuta. Dawn il-qrati, kif inghad, ghandhom gurisdizzjoni generali li jisimghu u jiddeciedu fuq kull kwistjoni bejn partijiet. Jekk ghandha gurisdizzjoni tisma` aspetti ta` kaz, ghandha gurisdizzjoni tisma` u tiddeciedi fuq kull haga marbuta u relatata ma` dawk l-*

*aspetti, u kwistjoni ma ghandhiex tinqasam billi parti tinstema` minn dawn il-qrati u parti minn tribunal iehor."*

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha l-opportunita` li tqis eccezzjoni simili ghal din tal-lum fis-sentenza li tat fit-12 ta` Frar 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Charichelon Company Limited vs Amanda Greaves.**

Inghad hekk :-

*Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 452 ma jistghux jigu interpretati b`mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu.*

*Billi l-eccezzjoni tal-konvenuta kif dedotta ma kinitx specifika ghal liema kazijiet tat-Titolu I li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali kienet qed tirreferi, il-Qorti ezaminat l-eccezzjonijiet l-ohra sabiex tara l-ilment tal-istess konvenuta u nnotat li l-konventua qed tallega li hija kellha ragunijiet sufficjenti sabiex ma tkomplix fl-impieg taghha mas-socjeta` attrici.*

*Jirrizulta bic-car li s-socjeta` attrici qua principal u l-konvenuta qua impjegata ikkontrattaw kuntratt ta` servizz jew kuntratt ta` impieg, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi (ara t-tifsira li jaghti l-Art.2 ta` l-Kap.452) kif jirrizulta mid-Dokument A esebit fl-atti a fol. 2 u din il-Qorti tirrileva li l-kwistjonijiet li jinqalghu dwar il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta` dak il-kuntratt, ghandhom jigu determinati mill-Qrati ordinarji mhux mit-Tribunal Industrijali. Propju ghaliex dawk m`humiex kwistjonijiet li l-ligi tassattivament stabbiliet li jaqghu fil-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali.*

*Il-vertenza specifika li hija mertu ta` din il-kawza hija ex contractu u bhala tali sindikabbli mill-qrati*

*ordinarji u dan ghaliex it-talba tas-socjeta` attrici hi sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha somma flus kif imsemmija fir-rikors promotur rapprezentanti penali talli hija qabdet u tterminat il-kuntratt unilateralment. Ma jirrizultax mill-eccezzjonijiet tal-konvenuta x`inhuma l-lanjanzi taghha il-ghala dan il-kaz ghandu jaqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Jirrizulta biss li l-konvenuta qed tallega li hija kellha kull ragun sabiex tieqaf mill-impieg taghha u dan ghaliex kellha ragunijiet sufficjenti. Pero` su due piedi din l-allegazzjoni mhix bizzejjed sabiex terroga gurisdizzjoni lit-Tribunal Industrijali.*

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) waslet ghall-istess konkluzjoni fis-sentenza li tat fit-8 ta` Lulju, 2015 fil-kawza fl-ismijiet **Ian Falzon vs L-Awtorita` tat-Trasport f`Malta.**

Fis-sentenza li tat fl-10 ta` Gunju 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Avellino vs Citadel Insurance plc** din il-Qorti diversament presjeduta ikkunsidrat eccezzjoni dwar nuqqas ta` gurisdizzjoni fil-kuntest ta` kawza fejn l-attur kien qed jitlob il-hlas ta` nofs il-paga li kien jircievi li kieku l-kuntratt ta` l-impjieg tieghu mas-socjetà intimata baqa` ghaddej.

Saru dawn l-osservazzjonijiet :-:

*Il-Prim Awla fil-kawza* ***Camilleri vs St. Paul`s Court Limited et*** *(25 ta` Settembru 2003) kienet ukoll irriteniet :*

*"Illi l-artikolu 75 tal-Kap 452 jghid b`mod car u kategoriku li, minkejja kull ma jinsab f`kull ligi ohra, it-Tribunal ikollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan (ghajr minn proceduri dwar reat), u li r-rimedju ta` haddiem hekk imkecci jkun biss billi l-ilment tiegu jintbaghat lil dak it-Tribunal u mhux xort`ohra."*

*Ir-rikorrenti isostni li huwa m`huwiex qed jitlob mill-Qorti dikjarazzjoni ta` tkeccija ngusta, izda qed jitlob biss hlas ta` paga li jsostni li hi dovuta lilu relattivament ghad-durata li kellu jdum l-impjieg. Fil-fehma ta` din il-Qorti f`dan m`ghandux*

*ragun. L-ewwelnett huwa jippreciza fl-ewwel talba tieghu li dak li qed jitlob huwa "previa kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja." Fil-kuntest tat-talba tieghu din il-Qorti tqis li indagini dwar ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg hija essenzjali. Din il-Qorti ma tistax takkolji jew tichad it-talba ghar-rikorrenti ghall-hlas ta` paga minghajr ma jkun gie determinat jekk it-terminazzjoni kienitx gustifikata jew le. Ir-raguni jew nuqqas taghha ghat-terminazzjoni hija l-pern ta` kull dritt li jista` talvolta jkollu r-rikorrent ghall-hlas. Id-dritt ghall-hlas jiddependi essenzjalment mir-raguni ghat-terminazzjoni.*

*Fis-sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrenti jenfasizza illi t-talba tieghu f`din il-kawza hija ta` natura kuntrattwali u mhux industrijali. Huwa jsostni li qieghed jagixxi ghal "breach of contract". Din il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm tenfasizza li ligijiet specjali ghandhom dejjem ikollhom interpretazzjoni restrittiva, madankollu jibqa` l-fatt li kuntratt ta` mpjieg huwa kuntratt specjali regolat b`ligi specjali.*

Decizjoni ohra kienet dik moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fis-7 ta` Lulju 2017 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Anthony Boyanzis vs Milano Due Limited</u>** fejn inghad hekk :-

*Qabel xejn, jigi rilevat li mhux kull kwistjoni ta` natura industrijali taqa` fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Per ezempju dawn il-Qrati dejjem jinsistu li mhux it-taqsimiet kollha tat-Titolu I tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta` Malta jaqghu taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Wiehed jasal ghall-konferma ta` dan minn ezami tas-seba` taqsimiet tat-Titolu I. Fejn il-ligi riedet fit-Titolu I tirreferi ghat-Tribunal Industrijali, dan ghamiltu car u ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi, ma hemm xejn li jaqa` taht il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali. Invece fejn tidhol it-Taqsima IV, li tittratta l-Protezzjoni kontra Diskriminazzjoni relatata mal-Impieg, hemm it-Tribunal Industrijali li ghandu gurisdizzjoni, kif tghid il-ligi stess." (Ara sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta` Mejju 2010 fl-ismijiet* ***<u>`Simon Grima vs MH Malta Limited`</u>****; Prim`Awla tal-*

*Qorti Civili tal-24 ta` Jannar 2012 fl-ismijiet **<u>`Josette Attard vs Rettur Universita` ta` Malta`</u>**).*

*9. Biex jigi evalwat jekk it-talbiet li ghandha quddiemha l-Qorti humiex fost dawk li jistghu jiehdu konjizzjoni taghhom il-Qrati ordinarji u mhux esklussivamnet it-Tribunal, issir referenza ghal dak li ssottometta l-attur fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu li diga` sar accenn ghalih aktar `l fuq. L-attur jikkontendi li ma hux qieghed jitlob dikjarazzjoni illi l-impieg tieghu gie ingustament itterminat. Li qieghed jitlob hija "it-twettiq ta` patt ikkuntrattat bejn iz-zewg partijiet u cioe` l-infurzar ta` obbligazzjoni kuntrattwali assunta mis-socjeta` konvenuta" (a` fol 478 para 6 tan-nota ta` osservazzjonijiet).*

*Ergo jsegwi, li li kieku talab tali dikjarazzjoni, allura kien ikun evidenti li l-Qrati Ordinarji ma ghandhomx kompetenza.*

*L-attur qieghed jinsisti, anke fuq stregwa ta` diversi sentenzi li ghalhekk "huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri" (Vol.XI; pg 401, Vol X; pg 926 u Vol XXXIX ; pg 243). Dan huwa kollu legalment minnu, izda dan irid ukoll jittiehed fil-kuntest sostantiv tal-azzjonijiet li jkunu jaqghu fil-gurisdizzjoni tal-Qorti li tigi adita biex tiehu konjizzjoni taghhom u mhux ta` xi azzjoni, li issejhilha kif issejhilha, jew imfassla kif tkun imfassla c-citazzjoni fis-sostanza taghha, tkun b`ligi specjali taqa` fil-gurisdizzjoni esklussiva ta` xi Awtorita` aggudikatrici ohra li ma jkunux il-Qrati ordinarji.*

*F`dan ir-rigward huwa ta` utilita` ghar-risoluzzjoni ta` dan id-dibattitu legali li ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta` Lulju 2015, per Magistrat Consuelo Scerri Herrera fl-ismijiet **<u>Ian Falzon vs L-Awtorita` tat-Trasport f`Malta</u>**. F`dik il-kawza l-attur kien qieghed jitlob li l-Awtorita` konvenuta thallsu s-somma ta` disat elef u disa` mitt ewro (€9,900), rapprezentanti hmistax fil-mija (15%) tal-paga ta`*

*Ian Falzon bhala performance bonus dovuta lilu minn Jannar 2013 sal-31 ta` Dicembru 2013 skond il-klawsola numru 5.1 tal-kuntratt ta` impieg tieghu mal-imsemmija Awtorita`. F`din il-kawza dik il-Qorti qalet hekk:*

*"Fil-kuntest tat-talba tieghu din il-Qorti ma tqisx li indagini dwar ir-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg li illum allegatament tinsab pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali hija essenzjali. Din il-Qorti tista` takkolji jew tichad it-talba tal-attur ghall-hlas ta` din il-performance bonus minghajr ma jigi determinat jekk it-terminazzjoni kinitx gustifikata jew le.*

*Id-dritt ghall-hlas ta` dawn il-bonuses ma jiddependix u dan ghaliex it-talba tal-attur f`dinil-kawza hija ta` natura kuntrattwali u mhux industrijali. Fil-fatt l-attur qed isostni li qieghed jagixxi ghal "breach of contract"."*

*Ghalhekk f`dik il-kawza il-Qorti cahdet eccezzjoni simili ghal dik li qed tqanqal is-Socjeta` konvenuta fil-kawza odjerna.*

*Ghalhekk skont ir-ragunament ta` din is-sentenza jrid ikun ezaminat jekk l-ewwel talba tal-attur fil-kawza odjerna, hiex ghal kollox indipendenti u awtonoma minn kull dikjarazzjoni dwar ir-regolarita` o meno fit-terminazzjoni tal-impieg tieghu. Fis-sewwa, fid-dawl tal-klawsola 5(iv) tal-kuntratt ta` impieg tal-20 ta` Frar 2001, l-ammont li qieghed jitlob l-attur jista` jinghatalu biss jekk skont dik il-klawsola kienx "unfairly/unjustifiably dismissed". Id-dritt li jitlob il-kumpens imsemmi, ma hux wiehed awtomatiku li jrid jithallas mal-fatt biss li l-impieg gie mitmum, izda jrid ikun vinkolat ma` tkeccija ingusta.*

*Di fatti l-attur ma setax li fic-cirkostanzi tieghu, kif fil-fatt ghamel fil-kawzali, ma jsemmix, li l-impieg tieghu gie mitmum "minghjar ebda raguni valida fil-ligi", ovvjament fit-termini tal-kuntratt imsemmi. Di piu`, in konsonanza mal-principju ta` pacta sunt servanda, fid-dawl ta` dak li tipprovdi l-klawsola fuq imsemmija, ma hux possibbli li wiehed jislet ir-responsabbilta` tal-Employer mill-*

*hlas ta` kumpens li qieghed jitlob l-attur. Anzi, tal-ahhar tiddependi intrinsikament fuq tal-ewwel. Ghalhekk min ghandu jiggudika jekk dan il-hlas hux dovut, ma jistax ma jinvestix il-kwistjoni jekk it-temm tal-impieg tal-attur kienx ghal raguni gustifikat skont kif imfisser fil-klawsola fuq imsemmija, liema kwistjoni l-partijiet sahansitra hasbu ghaliha fil-kunratt ta` bejniethom.*

*Issa artikolu 75(1) tal-Kap 452 tal-ligijiet ta` Malta jiddisponi …*

*Dan il-principju tant huwa sagrosant li sub-artikolu 2 jkompli jiddisponi illi …*

*Il-Qorti, ghalhekk, ma tistax ma tilqax l-eccezzjoni ta` nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` din il-Qorti. Kif ben tajjeb gie ribadit minn dawn il-Qrati diversi drabi, il-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali giet konferita bil-Kap.452 tal-Ligijiet ta` Malta b`deroga ghall-gurisdizzjoni generali tal-qrati ordinarji. Ghalhekk, salv fil-kazijiet indikati fil-ligi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistghux jigu interpretati b`mod wiesgha tant li jigu estizi sabiex jinkludu setghat li l-legislatur ma ndikax fil-ligi ghax ma riedx li dawn jidhlu fil-parametri tas-setghat tat-Tribunal. Fi kliem iehor, il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setghat li ghandu huma dawk espressament indikati fil-ligi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tieghu. (Prim`Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta` Mejju 2010 fl-ismijiet `**Simon Grima vs MH Malta Limited**`- saret referenza ghal din is-sentenza aktar `il fuq). Minn dan jinsilet l-argument, li bl-istess mod, il-gurisdizzjoni specjali tat-Tribunal ma jistghux jigu estizi bl-istess mod ghall-Qrati ordinarji b`mod indirett jew b`sotterfugju.*

*Ghalhekk in-nuqqas ta` gurisdizzjoni f`dawn il-kazijiet ma jitnissilx mill-mod kif tkun imfassla kawza quddiem il-Qrati Civili izda mis-sustanza tal-azzjoni li qed tkun esperita.*

*Il-materja ta` gurisdizzjoni hija wahda essenzjali ghall-ordinament guridiku u intiza biex ma jkunx hemm straripament ta` gurisdizzjoni bejn id-diversi Awtorita` aggudikatrici.*

(ara wkoll : PA : **Stephan Heilmann vs Tipico Co Ltd** : 5 ta` Dicembru 2016)

## VI. Risultanzi

Fil-kawza principali, l-attur qieghed jinvoka l-applikazzjoni favur tieghu ta` klawsola li tirrizulta fil-kuntratt illi kellu mal-konvenuta.

Huwa diga` evidenti li l-kawza principali twieldet minn kwistjoni li nqalghet bejn il-partijiet dwar dak li jghid il-kuntratt ta` bejniethom.

Tant dan huwa hekk illi f`kawza li kienet inizjata bil-procedura sommarja specjali l-attur talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta li thallsu penali skont kuntratt ta` bejn il-partijiet li kien mitmum.

**Anke fuq l-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata, din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni li decizjoni kemm dwar il-kawza principali, kif ukoll dwar il-kontrotalba, huma fil-gurisdizzjoni taghha, bit-tribunal industrijali ma jinkwadra xejn ghall-fini ta` gurisdizzjoni, lanqas ghall-kontrotalba.**

**Il-kwistjoni fil-vertenza tal-lum mhijiex jekk it-tkeccija tal-attur kenitx ingusta jew le.**

**Li kieku dik kienet il-kwistjoni allura t-tribunal industrijali kien ikollu gurisdizzjoni esklussiva.**

**In kwistjoni huwa jekk haqqux l-attur jithallas penali skont il-klawsola inserita fil-kuntratt li kellu mal-konvenuta.**

**Il-konvenuta tghid illi l-attur ma haqqu jithallas xejn, ghaliex l-attur temm il-kuntratt minghajr raguni tajba u sufficjenti.**

**Ghall-mod kif il-konvenuta laqghet ghall-azzjoni tieghu, l-attur ma kellu l-ebda kwistjoni.**

**Tiddeciedi l-Qorti min ghandu ragun.**

**Ir-riserva qamet meta saret il-kontrotalba.**

**Fil-kontrotalba, il-konvenuta talbet hlas ta` danni, in succint ghaliex l-attur abbanduna l-impieg tieghu bla raguni tajba u sufficjenti.**

**Jekk il-premessa sabiex l-attur ma jithallasx dak li qed jippretendi li ghandu jithallas, jew sabiex il-konvenuta tithallas id-danni li qeghda tippretendi li ghandha tithallas minhabba l-imgieba tal-attur, sejra tistrieh fuq il-kwistjoni ta` jekk il-kuntratt bejn il-partijiet kienx mitmum ghal raguni tajba u sufficjenti, allura tinsorgi d-domanda : ghaliex ghandha din il-Qorti jkollha gurisdizzjoni sabiex tiddeciedi t-talba principali izda mhux ukoll il-kontrotalba ?**

**Il-gurisprudenza fuq citata taghti risposta fis-sens illi ghandha tkun il-Qorti li tiddeciedi kemm il-kawza principali kif ukoll il-kontrotalba.**

**Huwa hekk ghaliex, iddur fejn iddur, bl-ebda tigbid tal-principji tad-dritt ma tista` vertenza ta` din ix-xorta tigi spezzettata b`tali mod illi parti tispicca ssib rimedju quddiem il-Qrati ordinarji u parti ohra tipicca ssib rimedju fit-tribunal industrijali.**

***Multo magis* fil-kaz tal-lum fejn ma tressqet l-ebda eccezzjoni mill-attur *in limine litis* fis-sens illi l-kontrotalba ma setghetx issir ghaliex ma tissoddisfax dak li jghid l-Art 396 tal-Kap 12.**

**Anke jekk fil-kors tat-trattazzjoni tal-eccezzjoni, inghad min-naha tal-konvenuta illi d-danni reklamati huma *ex contractu* kif ukoll *ex delicto*, il-qorti tibqa` tal-fehma illi, hi xhini x-xejra taghhom, id-danni reklamati mill-konvenuta jibqghu fil-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni preliminari tal-attur ghall-kontrotalba, u tiddikjara li ghandha l-gurisdizzjoni sabiex tisma` u taghti decizjoni dwar il-kontrotalba.**

**Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez tas-sentenza tal-lum.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**